MALTA

# QORTI CIVILI

# PRIM' AWLA

# (GURISDIZZJONI KOSTITUZZJONALI)

**ONOR. IMHALLEF**

**LORRAINE SCHEMBRI ORLAND**

Seduta tat-30 ta' Settembru, 2014

Rikors Numru. 86/2013

**Charles Paul Muscat**

**vs**

**Kummissarju tal-Pulizija**

**Il-Qorti,**

## I. PRELIMINARI.

Rat ir-rikors dwar id-Drittijiet Fondamentali ta’ Charles Paul Muscat (4583G) datat 4 ta’ Novembru 2013 fejn espona: -

Illi quddiem il-Qorti tal-Magistrati (Ghawdex) fi stadju tal-Istruttorja hemm pendenti proceduri kriminali fl-ismijiet "Il-Pulizija (Spettur Frank Tabone) vs. Charles Paul Muscat.”

Illi f’ dan il-kaz gew ivvjolati d-drittijiet fondamentali ta' l-imputat Charles Paul Muscat.

Illi l-fatti fil-qosor huma li tliet membri tal-Korp tal-Pulizija, PS 715 Lucian Gatt, PC 138 Joseph Portelli u PC 870 Ruben Farrugia, sgassaw il-bieb tad-dar tieghu, ghamlu hsara volontarja, ikkommettew vjolazzjoni tad-dar privata fejn joqghod Charles Paul Muscat, u dahlu fuqu fid-dlam armati b'revolvers u *torchlights* waqt li kien rieqed. Avolja ma offra l-ebda rezistenza, huma aggredewh, rassewh ma' l-art, habbtulu rasu diversi drabi, u ppuntawlu revolver, heddewh, offendewh u zebilhuh, tawh daqqa kbira fuq ghajnu, ikkawzawlu offizi fuq il-persuna u fethulu saqajh sal-punt li jwegggħuh, ikkommettew ir-reat specifiku kontemplat fl-Artikolu 139A tal-Kodici Kriminali, u, wara dan l-incident ikrah ta’ terrur, huwa kellu jigi rikoverat l-Isptar, kemm minhabba l-griehi kif ukoll minhabba t-trawma psikologika.

Illi l-esponent ghandu rapporti medici li juru l-istat tieghu wara din l-esperjenza trawmatika.

Illi t-tliet membri tal-Korp tal-Pulizija gidbu fuqu u xehdu l-falz fil-proceduri kriminali istitwiti kontra tieghu u qalu li hu baqa' sejjer u pprova

jsuq ghal fuqhom meta huma ppruvaw iwaqqfuh f’ *roadblock*, meta dan ma kienx minnu.

Illi dawn it-tliet membri tal-Korp tal-Pulizija PS 715 Lucian Gatt, PC 138 Joseph Portelli u PC 870 Ruben Farrugia, ivvjolaw id-drittijiet fondamentali tieghu, fosthom:

1) id-dritt ghall-harsien kontra trattament inuman jew degredanti (Art. 3 Kap. 319);

2) id-dritt ghall-harsien minn arrest u detenzjoni arbitrarja (Art. 5 Kap. 319);

3) id-dritt ghall-intimita' tad-dar (Art. 38 tal-Kostituzzjoni);

4) id-dritt ghall-hajja privata (Art. 8(1) tal-Kap. 319);

5) id-dritt ghall-protezzjoni tal-ligi (Kapitolu 4 tal-Kostituzzjoni);

6) id-dritt ghad-dinjita' tal-persuna (Kapitolu 4 tal-Kostituzzjoni);

7) id-dritt ghal smigh xieraq (Art. 6(1) tal-Kap. 319);

8) id-dritt ghall-harsien minn abbuz ta' poter jew qirda tad-drittijiet tal-bniedem (Art.17 tal-Kap.319).

Illi granet qabel ma tressaq il-Qorti l-imputat, il-konsulent legali tieghu kien baghat *email* kunfidenzjali lill-Kummissarju tal-Pulizija, li giet esibita fl-atti, li maghha giet

mehmuza narrativa mhejjija mill-imputat dwar il-fatti kif sehhew. Dina n-narrativa giet mibghuta lill-Kummissarju kunfidenzjalment flimkien mal-*email* in kwistjoni sabiex huwa jkun jaf dwar is-swat brutali li sehh. Izda l-Kummissarju tal-Pulizija ghadda l-imsemmija narrativa lill-Ispettur tal-Pulizija ta' Ghawdex, u l-Ispettur ghaddiha lit-tliet membri tal-Korp tal-Pulizija li kienu sawtu brutalment lill-imputat. Meta l-imputat kien qed jigi interrogat mhux fil-prezenza ta' avukat, l-imputat gie sottopost ghal numru ta' konfronti, u kull wiehed mill-imsemmija membri tal-Korp tal-Pulizija gie f'konfront mieghu. Din is-sessjoni deliberatament ma gietx irregistrata (*recorded*) jew mehuda b'xi wiehed mill-mezzi possibbli llum sabiex tkun tista' tigi murija f'qorti. Illi dakinhar li saret sessjoni fil-prezenza ta' membri tal-*Human Resources* tal-Korp tal-Pulizija, mhux fil-prezenza ta' avukat, hadd mill-pulizija ma beda jaqbel wiehed ma' l-iehor u l-esponent kull darba beda jghidilhom li m'humiex jaqblu bejniethom, dakinhar. Izda minn dakinhar 'l hawn, fejn ma qablux bejniethom irrangaw il-versjonijiet ghall-perfezzjoni.

Illi ghalhekk huma gew infurmati minn qabel fuq l-eventwali versjoni tal-imputat u setghu - kif effettivament ghamlu - ippjanaw u mmodifikaw ix-xiehda fabbrikata taghhom bil-ghan li jippruvaw ikissru l-versjoni veritjiera tal-imputat. Tant hu hekk illi fix-xiehda taghhom in kontro-ezami stqarrew li kienu nghataw biex jaqraw dak li kiteb l-imputat dakinhar li gew ikkonfrontati mieghu. Illi konsegwentement, ix-xiehda moghtija mit-tliet membri tal-Korp tal-Pulizija hija vvizzjata.

Illi b'hekk (7) l-esponent lanqas jista' jkollu smigh xieraq u effettivament gie vvjolat id-dritt tieghu ghal smigh xieraq (Artikolu 6(1) tal-Kap 319 u Artikolu 39(1) tal-Kostituzzjoni) billi l-akkuzi migjuba kontra tieghu huma fabbrikati u billi x-xiehda moghtija kontra tieghu hija montatura. *Inoltre*, it-taghrif bil-miktub li gie mghoddi lill-Kummissarju tal-Pulizija nghata f'idejn ix-xhieda kontra l-esponent u b'hekk dawn setghu jibnu x-xiehda eventwali taghhom kontra tieghu.

Illi huwa fatt inkontestabbli illi l-kaz tal-Prosekuzzjoni ghandu jkun mibni fuq provi li l-gudikant ikun jista' jistrieh fuqhom u mhux fuq provi li huma miksuba illegalment, fabbrikati mill-Pulizija u ghalhekk lezivi tad-dritt fondamentali ghal smigh xieraq garantit mill-Konvenzjoni Ewropea ghad-Drittijiet tal-Bniedem (Kapitolu 319).

Illi t-talba maghmula minnu lill-Qorti tal-Magistrati (Ghawdex) bhala Qorti Istruttorja biex *ai termini* ta' l-Artikolu 46 tal-Kostituzzjoni ta' Malta u tal-Artikolu 4 tal-Kapitolu 319 tibghat il-kwistjoni kostituzzjonali quddiem il-Prim'Awla tal-Qorti Civili biex tigi deciza minnha giet iddikjarata bhala frivola u vessatorja. Ir-rikorrent qed jannetti kopja tar-rikors tieghu, kopja tat-trattazzjoni orali u kopja tad-digriet tad-29 ta' Ottubru 2013.

Ghaldaqstant l-esponent jitlob bir-rispett illi din l-Onorabbli Qorti joghgobha taghmel dawk l-ordnijiet, tohrog dawk l-atti u taghti dawk id-direttivi li tqis xierqa sabiex twettaq u tizgura t-twettiq ta' l-imsemmija drittijiet fondamentali, u

1. Tiddikjara illi l-agir ta' l-intimat Kummissarju tal-Pulizija illeda u qed jilledi d-drittijiet fondamentali tar-rikorrent, u cioe`:-

1) id-dritt ghall-harsien kontra trattament inuman jew degradanti (Art. 3 Kap. 319);

2) id-dritt ghall-harsien minn arrest u detenzjoni arbitrarja (Art. 5 Kap. 319);

3) id-dritt ghall-intimita' tad-dar (Art. 38 tal-Kostituzzjoni);

4) id-dritt ghall-hajja privata (art.8(1) tal-Kap. 319);

5) id-dritt ghall-protezzjoni tal-ligi (Kapitolu 4 tal-Kostituzzjoni);

6) id-dritt ghad-dinjita' tal-persuna (Kapitolu 4 tal-Kostituzzjoni);

7) id-dritt ghal smigh xieraq (Art. 6(1) tal-Kap. 319);

8) id-dritt ghall-harsien minn abbuz ta' poter jew qirda tad-drittijiet tal-bniedem (Art. 17 tal-Kap.319).

2. Tordna l-hlas ta' kumpens xieraq lir-rikorrent ghall-vjolazzjonijiet tad-drittijiet fudamentali tieghu hawn fuq imsemmija.

Bl-ispejjez kontra l-intimat.

Rat li dan ir-rikors gie appuntat ghas-smigh ghas-seduta tat-28 ta' Novembru 2013 f' 12:30p.m. u ordnat in-notifika ta' l-istess rikors lill-intimat b' ghaxart ijiem zmien ghar-risposta.

Rat ir-risposta tal-Kummissarju tal-Pulizija *a tenur* tad-digriet ta' din l-Onorablli Qorti tal-5 ta' Novembru 2013, datata 21 ta' Novembru 2013 (fol 41) fejn espona : -

1 Illi *in linea* preliminari, l-allegazzjonijiet u t-talbiet li qegħdin isiru mir-rikorrent huma frivoli u vessatorji u jabbużaw minn din il-proċedura straordinarja kostituzzjonali in kwantu huwa manifest li dawn il-proċeduri huma intiżi biss sabiex jostakolaw jew jimminaw il-ġbir tal-provi quddiem l-Onorabbli Qorti tal-Maġistrati (Għawdex) Bħala Qorti Istruttorja liema Qorti diġa ddeċidiet illi '*t-tqanqil ta' din il-kwistjoni mill-imputat hija frivola u vessatorja u konsegwentement mhux il-każ li ssir r-riferenza rikjesta'.*[1] Bir-rispett kollu, huwa f'idejn l-Onorabbli Qorti ta' kompetenza kriminali li tiddeċiedi dwar il-ġbir ta' provi li huwa permissibbli skont il-liġi u li tgħarbel il-provi mressqa quddiemha sabiex tasal għad-deċiżjoni tagħha dwar il-ħtija *o meno*, u huwa inawdit li r-rikorrent jipprova jiċċensura l-ġbir tal-provi għaliex skont hu, u skont hu biss, allegatament tali xhieda hija '*fabbrikata'*;

2. Illi dejjem *in linea* preliminari u mingħajr preġudizzju għas-suespost, hija l-umli fehma ta' l-esponent li din l-Onorabbli Qorti għandha tirrifjuta li teżerċita s-setgħat tagħha skont il-proviso tal-artikolu

[1] Digriet datat 29 ta' Ottubru 2013

46(2) tal-Kostituzzjoni ta' Malta u tal-proviso ta' l-artikolu 4(2) tal-Kap 319 in kwantu r-rikorrent kellu rimedji ordinarji disponibbli għalih qabel ma ntavola il-proċeduri odjerni, fosthom kwerela jew '*challange proceedings'* a tenur tal-Artikolu 541 tal-Kodiċi Kriminali (Kap. 9). Rigward l-allegat arrest illegali, ma jirriżultax li r-rikorrent irrikorra għar-rimedju tal-*habeas corpus* ai termini tal-artikolu 137 u 409A tal-Kap. 9;

3. Illi fil-mertu u mingħajr pregudizzju għas-suespost, l-allegazzjonijiet u l-pretensjonijiet tar-rikorrent huma kollha infondati fil-fatt u fid-dritt għal diversi raġunijiet, fosthom is-segwenti li qegħdin jiġu elenkati mingħajr preġudizzju għal xulxin:

4. Illi kull allegazzjoni da parti tar-rikorrent fis-sens illi ġew leżi d-drittijiet tiegħu għall-ħarsien kontra trattament inuman jew degradanti hija manifestament infondata. Effettivament, kien ir-rikorrent li attakka u għamel reżistenza bi vjolenza kontra l-persuna ta' PS715 Lucian Gatt, PC138 Joseph Portelli u PC870 Reuben Farrugia waqt li dawn l-uffiċjali pubbliċi kienu qegħdin jaġixxu għall-eżekuzzjoni tal-liġi kif jirriżulta mill-akkużi fil-konfront tal-istess rikorrent bin-numru 54/2013 (NC) quddiem il-Qorti tal-Maġistrati (Għawdex) Bħala Qorti Istruttorja, u mhux il-kontra kif allegat minnu;

5. Illi dwar l-allegat arrest u detensjoni arbitrarja, l-artikolu 5 tal-Konvenzjoni li għalih għamel referenza r-rikorrent jipprovdi elenku ta' eċċezzjonijiet għar-regola ġenerali li ħadd ma għandu jiġi pprivat mil-libertà tiegħu fosthom meta jkun hemm suspett raġonevoli li dik il-persuna tkun ikommettiet reat jew meta jkun meqjus raġonevolment meħtieġ biex jiġi evitat li tikkommetti reat jew li taħrab wara li tkun għamlet reat b'dan illi fiċ-ċirkostanzi in diżamina ma kien hemm l-ebda ksur tad-dritt għall-ħarsien minn arrest u detensjoni arbitrarja kif allegat mir-rikorrent;

6. Illi kull allegat ksur tad-dritt għall-intimità tad-dar, tad-dritt għall-ħajja privata u tad-dritt għall-protezzjoni tal-liġi huma ukoll manifestament infondati u vessatorji. Huwa dmir tal-Pulizija li żżomm l-ordni u l-kwiet pubbliku, li ma tħallix isiru reati, li tikxef u tinvestiga r-reati li jsiru, li tiġbor il-provi, sew kontra sew favur il-persuna suspettata li tkun għamlet dak ir-reat, u li tressaq kull persuna akkużata quddiem l-awtorità ġudizzjarja. Il-qadi ta' dan id-dmir ma jista' qatt jwassal għall-allegat ksur tad-drittijiet tar-rikorrent;

7. Illi dwar l-allegat ksur għad-dritt għad-dinjità tal-persuna, allegatment a tenur tal-Kapitolu 4 tal-Kostituzzjoni, ma jirriżultax li xi wieħed mill-artikoli tal-imsemmi kapitolu tal-Kostituzzjoni espliċitament jirreferi għal tali dritt. Mingħajr preġudizzju għal dan, ir-rikorrent fl-ebda waqt ma ġie mċaħħad mid-dinjità tiegħu;

8. Illi l-allegazzjonijiet tar-rikorrent li l-akkużi huma '*fabbrikati'* u li '*x-xhieda mogħtija kontra tiegħu hija montatura'* hija biss allegazzjoni tar-rikorrent u xejn aktar, liema allegazzjonijiet qegħdin jiġu kategorikament miċħuda. Effettivament, l-akkużi kontra r-rikorrent tal-24 ta' Mejju 2013 u l-provi li inġabru li għad iridu jinġabru fil-kumpilazzjoni tax-xhieda Quddiem l-Onorabbli Qorti tal-Maġistrati (Għawdex) Bħala Qorti Istruttorja huma skont il-liġi u ma jilledu l-ebda dritt tar-rikorrent għal smiegħ xieraq kif allegat minnu. Mingħajr preġudizzju għal dan, l-esponent umilment jissottometti li l-artikolu tal-Konvenzjoni ċitat mir-rikorrent jipprovdi illi kulħadd huwa ntitolat għal smigħ imparzjali u pubbliku fi żmien raġonevoli minn tribunal indipendenti u imparzjali mwaqqaf b'liġi u li s-sentenza għandha tingħata pubblikament. Bir-rispett dovut, isegwi għalhekk illi *dato ma non concesso* u biss għall-grazzja tal-argument li l-akkużi huma '*fabbrikati'* u li '*x-xhieda mogħtija kontra tiegħu hija montatura'* kif allegat mir-rikorrent, dan ma jistà qatt iwassal għal ksur ta' dan id-dritt. Se mai, huwa r-rikorrent stess illi qiegħed imur kontra d-dettami tal-artikolu 6 tal-Konvenzjoni u l-Artikolu 39 tal-

Kostituzzjoni in kwantu qiegħed jittenta josta lill-Qorti ta’ kompetenza kriminali milli tisma’ l-provi u tiddeċidi l-każ skont il-liġi;

9. Illi kull allegazzjoni li ġie leż id-dritt tar-rikorrent għall-ħarsien minn abbuż ta’ poter jew qirda tad-drittijiet tal-bniedem, hija ukoll manifestament infondata u insostenibbli;

10. Salv eċċezzjonijiet ulterjuri.

Għaldaqstant għar-raġunijiet suesposti, l-esponent bir-rispett jitlob lil din l-Onorabbli Qorti jogħġobha tiċħad it-talbiet kollha tar-rikorrent, bl-ispejjeż kontra tiegħu.

Ra n-nota ta’ sottomissjonijiet tal-Kummissarju tal-Pulizija datata 15 ta’ Mejju 2014 a fol 72 et seq tal-process.

Rat in-nota ta’ sottomissjonijiet tar-rikorrent Charles Paul Muscat datata 19 ta’ Mejju 2014 a fol 96 et seq tal-process.

Rat in-nota ta’ sottomissjonijiet responsiva tar-rikorrent Charles Paul Muscat ghan-nota ta’ sottomissjonijiet tal-Kummissarju tal-Pulizija datata 16 ta’ Gunju 2014 a fol 142 et seq tal-process.

Rat in-nota responsiva tal-Kummissarju tal-Pulizija datata 18 ta’ Gunju 2014 a fol 161 et seq tal-process.

Rat il-verbal tas-seduta tal-ewwel (1) ta' Lulju 2014 fejn meta ssejjah ir-rikors deher Dr. Tonio Azzopardi ghar-rikorrenti prezenti u Dr. Sarah Portelli ghall-intimat. Dr Portelli iddikjarat li ma ghandhiex x'izzid man-nota ta' osservazzjonijiet dwar l-ewwel zewg eccezzjonijiet preliminari tar-rikors promutur. Il-Qorti semghet it-trattazzjoni ta' Dr. Tonio Azzopardi, liema tratazzjoni giet registrata fuq is-sistema eletronika. Id-difensuri tal-partijiet trattaw l-eccezzjoni preliminari estensivament. Dr Tonio Azzopardi ghar-rikorrent talab li *ai fini* tas-sentenza fuq l-eccezzjonijiet preliminari, it-talba ghall-'interim measure' qieghda tigi sospiza bla pregudizzju ghall-possibbilta li terga' tinfetah jekk ikun il-kaz fi stadju ulterjuri. Il-Qorti halliet ir-rikors ghal digriet fuq l-ewwel zewg eccezzjonijiet preliminari ghat-3 ta' Settembru 2014

Hadet konjizzjoni tal-provi prodotti.

## II. <u>KONSIDERAZZJONIJIET</u>

Permezz ta' rikors ipprezentat fl-4 ta' Novembru 2013, ir-rikorrent qed jilmenta minn allegat ksur tad-drittijiet tieghu kif elenkati fir-rikors u cioe`, id-dritt ghall-harsien kontra trattament inuman jew degredanti (Art. 3 Kap. 319); id-dritt ghall-harsien minn arrest u detenzjoni arbitrarja (Art. 5 Kap. 319); id-dritt ghall-intimita' tad-dar (Art. 38 tal-Kostituzzjoni); id-dritt ghall-hajja privata (art.8(1) tal-Kap. 319); id-dritt ghall-protezzjoni tal-ligi (Kapitolu 4 tal-Kostituzzjoni); id-dritt ghad-dinjita' tal-persuna (Kapitolu 4 tal-Kostituzzjoni); id-dritt ghal smigh xieraq (Art. 6(1) tal-Kap. 319); id-dritt ghall-harsien minn abbuz ta' poter jew qirda tad-drittijiet tal-bniedem (Art. 17 tal-Kap.319).

L-intimat Kummissarju tal-Pulizija sostna fl-ewwel lok li t-talbiet tar-rikorrent huma frivoli u vessatorji u jabbuzaw mill-procedura kostituzzjonali li hija wahda ta' natura straordinarja. Fit-tieni lok, stieden lil din il-Qorti sabiex tirrifjuta li tezercita d-diskrezzjoni taghha kif mahsub fil-proviso tal-artikolu 46(2) tal-Kostituzzjoni ta' Malta u tal-proviso 4(2) tal-Kap 319 tal-Ligijiet ta' Malta in kwantu li r-rikorrent kellu rimedji ordinarji disponibbli ghalih qabel ma intavola l-proceduri odjerni.

Din is-sentenza tindirizza dawn l-eccezzjonijiet preliminari.

**<u>Il-Fatti fil-Qosor</u>**

L-incident li ta lok ghal dawn il-proceduri sehh fl-inhawi ta' Marsalforn, Ghawdex, fil-lejl bejn l-14 u l-15 ta' April 2013. Hu pacifiku li r-rikorrent kien marbut b'ordni ta' rinkasar li kienet timpedih milli jkun barra bil-lejl. Madanakollu tliet membri tal-korp tal-Pulizija cioe` PS715 Lucian Gatt, PC870 Ruben Farrugiau PC138 Joseph Portelli identifikawh li kien qed isuq vettura ghall-habta ta' nofs il lejl u li anke saq ghal fuhom u injora *road check.* Il-Pulizija jallegaw li meta marru fir-residenza tar-rikorrent irrifjuta li jifthilhom u huma, bl-uzu tal-poteri legittimi taghhom minhabba li l-agir tar-rikorrent dahhlet fihom suspett ragjonevoli li kellhom li kkommetta xi reat dahlu bil-forza fid-dar tieghu.

Sussegwentement ir-rikorrent tressaq quddiem il-Qorti tal-Magistrati (Ghawdex) bhala Qorti Istruttorja taht diversi akkuzi.[2] Sintetikament jinsab akkuzat talli fil-lejl bejn l-14 u l-15 ta' April 2014 gewwa l-inhawi ta' Marsalforn, Ghawdex ghamel diversi reati kontra l-persuna ta' PS715 Lucian Gatt, PC138 Joseph Portelli u PC870 Ruben Farrugia waqt li

[2] **Dok PUL 1** a fol 47 sa 49 tal-process esebit mix-xhud l-Ispettur Frank Tabone fis-seduta tas-6 ta' Frar 2014.

kienu qed jaqdu dmirijiethom u li  ma obdiex l-ordnijiet taghhom; kif ukoll b'diversi reati konnessi ma sewqan perikoluz; u talli kiser xi wahda mill-kondizzjonijiet tal-helsien mill-arrest imposti fuqu.

*Inoltre* jinsab akkuzat b'diversi reati konnessi ma' allegat rapport falz kontra l-imsemmija ufficjali tal-Pulizija.

Dawn il-proceduri ghadhom pendenti u b'rikors tat-30 ta' Awwissu 2013 fl-atti tal-istess proceduri istruttorji, l-akkuzat, wara li qajjem lanjanzi ta' natura kostituzzjonali, talab lil dik il-Qorti sabiex taghmel riferenza kostituzzjonali abbazi tal-artikolu 46(3) tal-Kostituzzjoni ta' Malta.

B'Digriet taghha moghti fid-29 ta' Ottubru 2013[3] dik il-Qorti ikkonsidrat li t-talba ghar-riferenza kostituzzlonali rikjesta mhiex ta' ostakolu ghar-risoluzzjoni tal-kwistjoni jekk l-imputat hux hati jew le ta' l-imputazzjonijiet migjuba kontra tieghu u fic-cikorstanza sabet li t-tqanqil ta' din il-kwistjoni mill-imputat "*hija frivola u vessatorja u konsegwentement mhux il-kaz li ssir r-riferenza rikjesta."*

Ir-rikorrent ghalhekk ipproceda direttament quddiem din il-Qorti bir-rikors odjern.

**<u>Il-Provi</u>**

---

[3] Kopja esebita a fol.34 tal-process.

L-uniku xhud li instema' f'dawn il-proceduri *ai fini* tal-eccezzjonijiet preliminari hu **l-Ispettur Frank Tabone** li qed imexxi l-proceduri kontra r-rikorrent quddiem il-Qorti tal-Magistrati (Ghawdex) bhala Qorti Istruttorja.[4] Bazikament ikkonferma l-kontenut tal-akkuza u x'sehh fl-inhawi f'Marsalforn u fir-residenza tar-rikorrent. Qal li meta l-Pulizija, assistiti minn hames pulizija ohra,(*recte,* semma biss erba pulizija b'zieda tal-membri imsemmija fir-rikors promotur) marru fir-residenza tar-rikorrent, ma fethilhomx minkejja li habtu fuq il-bieb, sejhulu u identifikaw ruhhom li kienu Pulizija. Eventwalment huma sgassaw il-bieb u dahhlu fuqu. L-Ispettur qal li agixxew skont il-ligi (art.355k tal-Kap.9) fuq suspett ragjonevoli li r-rikorrent seta' kien ghadu kif wettaq reat jew kellu fil-pussess tieghu affarijiet illegali, mibni fuq l-agir tieghu mal-pulizija.

Sussegwentement ir-rikorrent gie arrestat u nfurmat bid-dritt tieghu li jikkonsulta ma' Avukat. Inzamm taht arrest dak il-lejl fil-*lock up* tal-Pulizija. Fil-*lock up* gie mkellem minn PC1279 fil-prezenza ta' PC138, PC870 u PS715.

L-ghada, Jack Galea, in-nannu tar-rikorrent, allega mal-Ispettur li r-rikorrent kien gie imsawwat mill-Pulizija. Wara li l-Ispettur ra lill-arrestat, ordna r-rilaxx tieghu sakemm jigi ezaminat medikament. Muscat mar l-Isptar flimkien ma' nannuh u sussegwentement gie nvistat privatament. Fuq talba tal-Ispettur, Muscat rega' mar l-ghassa fit-18 ta' April 2013 izda l-interrogazzjoni ma sehhitx ghaliex kien qed ihossu ma jiflahx u ttiehed l-isptar fejn inzamm ghall-osservazzjoni.

Muscat, imbaghad, tramite l-avukat Dottor Tonio Azzopardi, ghadda email mmarkat *Konfidenzjali* lill-Kummissarju tal-Pulizija fejn hemm spjegat il-verzjoni tieghu tal-incident datata nhar it-30 ta' April 2013

[4] Seduta tas-6 ta' Frar 2014.

(**Dok. KP1**)[5]. Il-Kummissarju talab lill-Ispettur kif ukoll lill-ufficjali mill-*Internal Affairs* biex jinvestigaw l-allegazzjonijiet li ghamel ir-rikorrent kontra l-ufficjali tal-Pulizija. Dawn kienu is-Superintendent Mario Spiteri u s-Suprentendent Simon Galea.

Xehed ukoll li l-*localisation* tal-mobile tar-rikorrent kien juri li kien fl-inhawi ta' Marsalforn fil-hin tal-incident u li kellhom xhud okulari li seta' jikkonferma l-prezenza tar-rikorrent f'dawk l-inhawi fil-hin indikat, kontrarjament ghal dak li kien qed jallega.

Fil-24 ta' Mejju 2013 informa lir-rikorrent li kienu investigaw lill-Pulizija involuti fil-kaz u talbuh jigi l-ghassa. Gie akkompanjat mill-Avukat Dottor Tonio Azzopardi u minn Jack Galea. Kien hemm prezenti mal-iSpettur, is-Supretendent Mario Spiteri, is-Suprentendent Simon Galea u l-Ispettur Marisa Zammit. Dakinhar saru konfronti bejn ir-rikorrent u l-Pulizija minnu akkusati.

Ittiehdet stqarrija minghand ir-rikorrent. Hu allega li kien insteraqlu l-*mobile* u anke l-karrozza tieghu. Dakinhar infurmawh li kien ser jitressaq il-Qorti.

Il-verzjoni tar-rikorrent hija spjegata fir-rikors promotur u f'email li gie mghoddi lill-Kummissarju tal-Pulizija esebit a fol-58 u 59 tal-process. Jichad li kien f'Marsalforn fil-hin imsemmi mill-Pulizija jew li saq il-vettura imsemmija. Jghid li gie mahsud fid-dar tieghu meta l-pulizja dahhlu fid-dar bil-forza, fid-dlam, armati b'*revolvers* u b'*torchlights*. Jghid li minkejja ma offra l-ebda rezistenza aggredewh, rassewh ma' l-art, habbtulu rasu diversi drabi u ppuntawlu *revolver,* heddewh, offendewh u zebilhuh, tawh

[5] Fol 58- 59 tal-process

daqqa kbira fuq ghajnejh, ikkawzawlu offizi fuq il-persuna u fethulu saqajh sal-punt li weggghuh. Hu rrepeta li sofra dawn il-perkossi fl-istqarrija tieghu li ttiehdet fl-24 ta' Mejju 2014 fil-prezenza tas-Supretendent Mario Spiteri, tas-Supretendent Simon Galea, tal-iSpettur Marisa Zammit u tal-Ispettur Frank A. Tabone (**DOK KP2** a fol 60 sa 68 tal-process).

Jghid li minkejja li ta n-narrattiva tieghu konfidenzjalment lill-Kummissarju tal-Pulizija, minflok ma saret investigazzjoni tal-membri tal-Korp minnu akkuzati, dawn inghataw kopja taghha biex setghu jirrangaw il-verzjonijiet taghhom. Waqt l-interrogatorju tieghu gie sottopost ghal diversi konfronti mill-istess membri tal-Korp u din is-sessjoni ma gietx registrata (*recorded).* Jghid ghalhekk li din ix-xhieda tal-pulizija giet fabbrikata u hija, per konsegwenza, vizzjata.

Esebixxa ritratt li jurih fuq l-istretcher l-isptar wara li gie allegatament imsawwat mill-membri tal-Korp tal-Pulizija (**DOK CPM** a fol. 26).

**<u>L-ewwel Eccezzjoni</u>**

Ikkonsidrat li din il-Qorti ghandha gurisdizzjoni originali a tenur tal-artikolu 46(1) tal-Kostitituzzjoni ta' Malta biex tinvestiga jekk hemm tassew ksur jew biżgħa ta’ ksur ta’ jeddijiet fondamentali invokati mir-rikorrent li huma mharsa mill-Kostituzzjoni jew mill-Konvenzjoni Ewropea (Kap 319).

L-intimat issottometta li huwa manifest li dawn il-proceduri huma ntizi biss sabiex jostakolaw jew jimminaw il-gbir tal-provi quddiem l-Qorti tal-

Magistrati (Ghawdex) bhala Qorti istruttorja. In sostenn ta' dan jargumenta li dik il-Qorti diga` ddecidiet li t-tqanqil ta' din il-kwistjoni mill-imputat hija frivola u vessatorja u konsegwentement cahdet it-talba sabiex issir riferenza lejn din il-Qorti. Jghid ukoll li "*huwa f'idejn l-Onorabbli Qorti ta' kompetenza kriminali li tiddeċiedi dwar il-ġbir ta' provi li huwa permissibbli skont il-liġi u li tgħarbel il-provi mressqa quddiemha sabiex tasal għad-deċiżjoni tagħha dwar il-ħtija o meno, u huwa inawdit li r-rikorrent jipprova jiċċensura l-ġbir tal-provi għaliex skont hu, u skont hu biss, allegatament tali xhieda hija 'fabbrikata'*"[6].

Ir-rikorrent irribatta billi qal li l-ebda persuna ma thoss li qed taghmel kawza frivola jew vessatorja jekk hija giet imsawwta brutalment kif gie msawwat hu. L-artikolu 46(1) tal-Kostituzzjoni u l-artikolu 4 tal-Kap 319 ma jipprekludux li wiehed jista' jittenta kawza kostituzzjonali separatament minn proceduri ordinarji li jkunu mexjin quddiem qorti ohra li mhix il-Prim' Awla u l-fatt li l-Qorti tal-Magistrati ddikjarat it-talba ghar-riferenza bhala frivola u vessatorja ma tipprekludix bl-ebda mod lil din il Qorti milli tisma' l-lanzjanzi tar-rikorrent.

Ikkonsidrat qabel xejn li taqbel ma' dak propost mir-rikorrent li l-fatt li l-Qorti tal-Magistrati ddeklinat milli taghmel ir-riferenza mitluba, u sahansitra sabet li t-talba kienet frivola u vessatorja ma tnehhix jew ma tillimitax il-kompetenza ta' din il-Qorti. Hija l-fehma ta' din il-Qorti, anzi, li ghandha obbligu li tiddetermina jekk persuna li qed tfittex rimedju kostituzzjonali tinghata tali rimedju jekk dan jirrizulta li hu misthoqq skont il-Ligi.

Ikkonsidrat li harsa lejn ir-rikors li gie pprezentat quddiem il-Qorti Istruttorja[7] ma jhallix dubbju li l-kwistjoni sollevata hija identika ghall-

[6] Risposta tal-Intimat a fol.41 - para 1.
[7] Fol  20-21 tal-process

mertu tal-proceduri quddiem din il-Qorti. Il-Qorti tal-Magistrati kienet tal-fehma li t-tqanqil ta' tali kwistjoni ma kienx ta' ostakolu ghar-risoluzzjoni tal-kwistjoni jekk l-imputat hux hati jew le ta' l-imputazzjonijiet migjuba kontra tieghu.

Din il-Qorti hija ghalhekk rinfaccjata bil-mistoqsija jekk il-proceduri odjerni jaqghu fid-divjet previst bl-artikolu 46(5) li jipprovdi ghall-inappellabbilta' minn decizjoni simili.

Fil-kaz ***Anthony Coreschi v Kummissarju tal-Pulizija*** (QK per On. Imhallef Hugh Harding, deciz fil-21 ta' Lulju 1989) gie insenjat li z-zewg azzjonijiet kkontemplati fl-artikoli 46(1) u 46(3) m'humiex limitazzjoni ghal xulxin imma paralleli ghal xulxin. L-artikolu 46(1) jghid car u tond li dik il-procedura ssir bla hsara ghal kull azzjoni ohra fir-rigward tal-istess materja li tkun possibbli legalment. Id-dritt tac-cittadin li jadixxi l-Prim'Awla tal-Qorti Civili ghal rimedju meta jkun jallega xi wahda mid-disposizzjonijiet ta' l-artikoli 33 u 45 tal-Kostituzzjoni tkun giet, jew qed tigi, jew x'aktarx ser tigi miksura mhix assoggettat mill-istess Kostituzzjoni ghal ebda limitazzjoni.

Il-Qorti Kostituzzjonali, fil-kaz ***Coreschi*** kompliet li: "*Id-diffikultajiet li ssolleva l-appellant partikolarment dwar il-possibilita' ta' duplicita' ta' azzjonijiet huma ta' natura efemera u ma jistghux ikunu ta' ostakolu biex wiehed jekk irid jezercita d-dritt li taghtih l-istess Kostituzzjoni....Fi kliem iehor il-fatt li fi proceduri ohrajn ma tkunx tqajmet kwistjoni bhal dik imsemmija fl-artikolu 46(3), jew li dik il-kwistjoni tkun ghadha mhix deciza jew addirittura l-Qorti li quddiemha tkun qamet tkun iddeklinat li taghmel riferenza ghax tkun hasset li l-kwistjoni kienet semplicement frivola jew vessatorja m'ghandux u ma jistax jikkostitwixxi ostakolu lic-citaddin li*

*jkun irid jadixxi l-Prim'Awla tal-Qorti Civili ghal rimedju fit-termini tas-sub-artikolu 1 tal-art. 46 tal-Kostituzzjoni biex jezercita dan id-dritt."*

Din il-Qorti taqbel ma' dan l-insenjament u anke harsa lejn sentenzi ohra tal-Qrati taghna juri li r-regola mfissra bl-artikolu 46(5) tal-Kostituzzjoni mhiex wahda assoluta. (Ara ad ezempju ***In-Nutar Dottor Joseph Abela v On. Prim'Ministru et*** (QK - deciz fit-18 ta' Mejju 1994) fejn il-Qorti ttemperat l-assolutezza tal-artikolu 46(5) f'kazijiet estremi fejn il-Qorti ghandha l-kompitu li ssewgi l-gurisprudenza tal-Qorti Ewropea (ECHR) fejn jidhrilha xieraq, sewwa u necessarju li taghmel hekk.)

L-Imhallef Emeritu Giuseppe Mifsud Bonnici, fil-ktieb tieghu "*Constitutional Procedure Relative to Fundamental Rights and Freedoms"* jiddistingwi bejn il-procedura kkontemplata fl-artikolu 46(3) tal-Kostituzzjoni u dik ikkontemplata fl-artikolu 46(5). Din ta' l-ahhar tiddisponi li "*Ma jkunx hemm appell minn xi decizjoni skont dan l-artikolu li xi talba jew t-tqanqil ta' xi kwistjoni tkun semplicement frivola jew vessatorja."* Hu jghid li "*the decisive formula of merely frivolous or vexatious by the First Hall is a determination of the merits of the application, while the use of it by any other Court, except the Constitutional Court is simply a decision that the question raised before it is procedurally irrelevant in and to the proceedings in which it is engaged."*[8]

Ukoll fil-kaz fl-ismijiet ***Ciantar v On. Prim'Ministru*** (QK - 10 ta' Mejju 1995) il-Qorti Kostituzzjonali ghaddiet biex tezamina it-talbiet imqanqla minkejja l-Prim'Awla tal-Qorti Civili kienet iddecidiet li r-rikors kien wiehed semplicement frivolu u vessatorju.

[8] Pag.23-24 tal-ktejjeb.

Fil-kaz ***Alan Mifsud v Avukat Generali*** (QK dec. fl-20 ta' Novembru 1990) il-Qorti tat tifsira ghall-frazi "*frivola jew vessatorja"* fis-sens li 'frivola' inghatat tifsira ta' *"ebda pregju jew valur, vana, nieqsa mis-serjeta, manifestament nieqsa mis-sens u b'hekk m'ghandhiex tinghata xi forma ta attenzjoni jew konsiderazzjoni."* 'Vessatorja' giet imfissra bhala "*minghajr ragunjiet sufficjenti u bl-iskop li dejjaq u tirrita lill-kontro-parti."*

Ikkonsidrat li l-akkuzi migjuba quddiem il-Qorti Istruttorja jirrigwardaw zewg tipi ta' offizi: dawk kontra l-persuna u l-awtorita' tal-pulizija, u dawk marbutin mal-akkuza ta' rapport falz kontra l-istess Pulizija. Huwa ovvju li l-kredibbilta` tax-xhieda tal-Pulizija kkoncernati hija prova materjali ghall-prosekuzzjoni f'dawk il-procedimenti. Din il-kredibbilta` ghandha tigi valutata mill-Qorti Istruttorja li tiggarantixxi li l-provi introdotti quddiemha huma rilevanti u ammissibbli.

Difatti din il-Qorti taqbel mal-argument sollevat mill-intimat li l-apprezzament u gharbiel tal-provi u tal-ammissibbilta' taghhom huwa l-kompitu tal-Qorti Istruttorja li qed tisma’ l-kaz kontra r-rikorrent. Jekk ir-rikorrent qed jillimita ruhu ghal kwistjoni ta' ammissibbilta', allura l-intimat ghandu ragun biex isostni li t-talba tieghu llum hija fiergha u vessatorja.

Izda t-talbiet odjerni jmorru ben oltre. Ir-rikorrent jilmenta li sofra lezjoni serju tad-drittijiet fondamentali tieghu garantiti mid-diversi dispozizzjonijiet tal-Kostituzzjoni u tal-Konvenzjoni ccitati - fosthom l-artikoli 3, 5 u 6 tal-Konvenzjoni Ewropea. Hu jallega li gie msawwat, umiljat u mbezza' minn membri tal-Puzlija gewwa daru stess fid-dlam tal-lejl. Ukoll jallega karenza radikali fl-investigazzjoni maghmula mill-

Kummissarju tal-Pulizija dwar l-allegazzjoni tieghu ta' abbuz tas-setghet tal-pulizija u l-uzu ta' forza eccessiva u li x-xhieda tal-membri tal-korp hija, per konsegwenza, vvizzjata.

Certament dawn il-lanjanzi ma jistghux jitqiesu "*bla valur, vani, nieqsa mis-serjeta`, jew manifestament nieqsa mis-sens*" jew li huma "*minghajr ragunjiet sufficjenti u bl-iskop li d-dejjaq u tirrita lill-kontro-parti*" (**Mifsud v A-G** fuq citat).

Din il-Qorti ma taqbilx mat-tezi tal-intimat li dawn il-proceduri jistghu jimminaw il-gbir tal-provi quddiem il-Qorti Istruttorja fil-kaz odjern. L-ewwel nett, ir-rikorrent qed jallega li l-investigazzjoni tal-intimat, u x-xhieda rizultanti tant huma vizzjati li jimmeritaw rimedju a tenur tal-artikolu 6 tal-Konvenzjoni. Din hija talba ta' indoli kostituzzjonali li ghandha tigi determinata biss minn din il-Qorti.

Inoltre, t-trattament abbuziv li r-rikorrent jghid li ssubixxa minn id il-Pulizija ezekuttiva tmur ben oltre l-akkuzi li qed jinstemghu quddiem il-Qorti istruttorja. F'dawk il-proceduri r-rikorrent huwa l-akkuzat u mhux il-pulizija. Ghalhekk dik il-Qorti proprjament mhiex adita biex ssib il-htija *o meno* tal-pulizija talli allegatament ikkommettew abbuz ta' poter jew uzaw forza eccessiva.

Dan kollu premess din il-Qorti taqbel mat-tezi tar-rikorrent li minn konsiderazzjoni tal-mertu tal-kaz odjern, t-talbiet ma jistghux ikunu kkonsiderati bhala semplicement frivoli jew vessatorji skont it-tifsira moghtija.

Ghalhekk din l-eccezzjoni qed tigi michuda.

**It-Tieni Eccezzjoni - Nuqqas ta' ezawriment tar-rimedju ordinarju.**[9]

Il-Kummissarju tal-Pulizija eccepixxa, (*recte 'stieden')* li din il-Qorti għandha tirrifjuta li teżerċita s-setgħat tagħha skont il-*proviso* tal-artikolu 46(2) tal-Kostituzzjoni ta' Malta u tal-*proviso* ta' l-artikolu 4(2) tal-Kap 319 in kwantu r-rikorrent kellu rimedji ordinarji disponibbli għalih li ma ezawrihomx qabel ma stitwixxa dawn il-proċeduri, cioe` l-kwerela, '*challange proceedings'* a tenur tal-Artikolu 541 tal-Kodiċi Kriminali (Kap. 9) u r-rimedju tal-*habeas corpus ai termini* tal-artikolu 137 u 409A tal-Kap. 9;

Il-*proviso* ghall-artikolu 46(2) tal-Kostituzzjoni ta' Malta jgħid eżattament hekk:

"*Iżda l-Qorti tista' jekk tqis li jkun desiderabbli li hekk tagħmel, tirrifjuta li teżerċita s-setgħat tagħha skont dan is-sub-artikolu f'kull każ meta tkun sodisfatta li meżżi xierqa ta' rimedju għal ksur allegat huma jew kienu disponibbli favur dik il-persuna skont xi liġi oħra*" (l-Artikolu 4(2) tal-Kapitolu 319 jgħidu l-istess ħaġa).

Hu pacifiku li l-akkoljiment *o meno* ta' "eccezzjoni" ibbazata fuq dan il-*proviso* jew addirittura l-applikazzjoni *ex officio* tal-*proviso* hu fid-diskrezzjoni ta' din il-Qorti. Din id-diskrezzjoni ghandha tigi uzata bi prudenza biex, min- naha l-wahda l-Prim'Awla kif ukoll il-Qorti Kostituzzjonali ma jigux inundati b'kawzi li jistghu jigu determinati minn

[9] Eccezzjoni numru 2 tal-Kummissarju tal-Pulizija

Qrati ohra u/jew bi proceduri ohra, u min-naha l-ohra, c-citaddin (*vittma)* ma jigix ipprivat mir-rimedji li hu ghandu dritt ghalihom taht il-Kostituzzjoni jew taht il-Kap.319. Fejn hemm abbuz tal-process kostituzzjonali, din il-Qorti tista' twaqqaf hesrem dak l-abbuz, izda min-naha l-ohra, tkun tista' timpedixxi li jigu kreati ostakoli bla bzonn fit-triq ta' min ikun jidher li genwinament ikun qieghed ifittex ir-rimedju kostituzzjonali. Il-fattispeci u c-cirkostanzi partikolari kollha tal-kaz ghandhom jigu ezaminati ghaliex b'hekk biss il-Qorti tkun tista' tasal biex tiddeciedi jekk ikunx desiderabbli li tiddeklina illi tezercita s-setghat taghha (Ara decizjoni fil-kaz fl-ismijet **Tonio Vella v Kummissarju tal-Pulizija et.** - QK dec. fil-5 ta' April 1991.)

Illi kif inghad ghadd ta` drabi, l-ezistenza ta` rimedju iehor lill-parti li tressaq azzjoni ta` allegat ksur ta` jedd fondamentali taht il-Kostituzzjoni jew taht il-Konvenzjoni ghandha tirrizulta lill-Qorti bhala stat ta` fatt attwali u oggettiv, u d-diskrezzjoni li tista` twettaq il-Qorti biex ma tezercitax is-setghat taghha "jekk tqis li jkun desiderabbli li hekk taghmel" minhabba l-ezistenza ta` rimedju iehor hija decizjoni fuq tali stat ta` fatt. Kemm hu hekk, huwa biss meta jew jekk jirrizulta lill-Qorti bhala fatt li (kien) jezisti rimedju iehor effettiv lir-rikorrent li l-Qorti tista` tiddelibera jekk ghandhiex twarrab milli tezercita s-setghat taghha li tisma` l-ilment imressaq quddiemha. F`kaz li ma jirrizultax li kien hemm rimedju iehor xieraq, il-Qorti trid tiehu konjizzjoni tal-ilment, u f`kaz li kien hemm rimedju iehor, il-Qorti xorta wahda jibqaghlha s-setgha li tiddeciedi li ma ccediex l-ezercizzju tas-setgha taghha. (Ara decizjoni moghtija fit-30 ta' Gunju 2005 (PA (Gurisd.Kost) - deciza fis-16 ta' Jannar 2006 fl-ismijiet **Olena Tretyak v. Direttur tac-Cittadinanza u Expatriate Affairs***).*

Minn ezami tal-gurisprudenza tal-Qrati taghna ormai stabbilita, jirrizulta li l-Qorti trid tkun soddisfatta li l-mezzi xierqa ta' rimedju ghall-ksur allegat

huma, jew kienu disponibbli favur ir-rikorrent. Il-mezz xieraq ta' rimedju irid ikun wiehed potenzjalment effettiv - cioe` wiehed li jista' jew seta' kieku gie utilizzat, adegwatament jikkompensa lill-vittma tal-ksur ghal dak il-ksur, jew li altrimenti jaghmel tajjeb ghal dak il-ksur, per ezempju, billi l-att leziv jigi dikjarat null ghall-finijiet u effetti kollha tal-ligi b'mod li l-vittma jitqieghed fl-*istatus quo ante.* (Ara wkoll **Mediterranean Film Studios Ltd v Korporazzjoni ghall-Izvilupp ta' Malta et** (Dec. mill-Qorti Kostituzzjonali fil-31 ta' Ottubru 2003).

L-eccezzjoni hawn sollevata ġiet dibattuta diversi drabi fil-Qrati tagħna. Il-Qorti Kostituzzjonali fil-kaz recenti fl-ismijiet "**Ryan Briffa v Avukat Generali"** deciz fl-14 ta' Marzu 2014, gabret il-principji applikabbli fil-materja. Minn din is-sentenza, il-principji li jolqtu il-kaz in ezami huma:

*" 1. L-eżistenza tar-rimedju l-ieħor għandha tirriżulta bħala stat ta' fatt attwali u objettiv;*

*2. Ir-rimedju jrid ikun aċċessibbli, xieraq, effettiv u adegwat biex jindirizza l-ksur lamentat;*

*3. Biex ir-rimedju jitqies effettiv m'hemmx għalfejn li jintwera li r-rimedju se jagħti lir-rikorrent suċċess garantit, imma jkun biżżejjed li jkun wieħed li jista' jiġi segwit b'mod prattiku, effettiv u effikaċi;*

*4. Id-diskrezzjoni li għandha l-Qorti f'dan ir-rigward trid titwettaq b'mod korrett u fl-aħjar interess tal-amministrazzjoni tal-ġustizzja sabiex min-naha waħda, il-Qrati ta' indoli kostituzzjonali ma jkunux rinfaċċjati b'kawżi li messhom jew setgħu tressqu quddiem Qrati oħrajn kompetenti*

*jew li dwarhom messhom jew setgħu jfittxu rimedji oħrajn effettivi, u min-naħa l-oħra sabiex persuna ma tkunx imċaħħda mir-rimedji li għandha jedd tfittex taħt il-Kostituzzjoni jew taht il-Konvenzjoni;*

*5. In-nuqqas waħdu ta' teħid ta' mezzi ordinarji mir-rikorrent mhuwiex raġuni biżżejjed biex Qorti ta' xejra kostituzzjonali tiddeċiedi li ma tużax is-setgħat tagħha li tisma' l-ilment, jekk jintwera li l-imsemmija mezzi ma kienux tajbin biex jagħtu rimedju sħiħ lir-rikorrent;*

*6. Iżda meta jidher ċar li jeżistu meżż ordinarji disponibbli biex jikseb rimedju għall-ilment tiegħu, ir-rikorrent għandu jirrikorri għal dawk il-mezzi, qabel ma jirrikorri għar-rimedju kostituzzjonali.* [10]"

Bazikament, jekk ir-rikorrent jinghata rimedju taht il-ligi ordinarja, u ma jifdallux interess li jipprosegwi quddiem din il-Qorti ma jibqax iktar meqjus bhala "*vittma" ai termini* tat-tfittxija ta' rimedji kostituzzjonali ghal-lezjoni ta' drittijiet fondamentali tieghu.

Ikkonsidrat li fil-kaz odjern, ir-rikorrent jinsab akkuzat b'diversi reati, fosthom talli ghamel rapport falz kontra it-tliet pulizija li l-istess rikorrent jakkuza ta' abbuzi fil-konfront tieghu.

---

[10] Ara fost ohrajn sentenzi tal-On.Qorti Kostituzzjonali fil-kaz fl-ismijiet *"**Dr Mario Vella vs Joseph Bannister nomine**"* 7/3/1994; tas-16 ta' Jannar 2006 fl-ismijiet "***Olena Tretyak v.Direttur taċ-Ċittadinanza u Expatriate Affairs***"; "***Vincent Spiteri v. Onor Prim Ministru et***," 31/8/1977; "***Mouwafak Toutoungi et. v Kummissarju tal-Pulizija et."***25/11/2011; u " ***Stacey Spiteri et. v Direttur tar-Reġistru Pubbliku***" 27/4/2012, u sentenzi oħra hemm ċitati.

L-ewwel osservazzjoni li tixtieq taghmel din il-Qorti hija li logikament proceduri fuq rapport falz jittiehdu wara li jsiru proceduri kontra l-addebitat tal-offiza li hija l-mertu tar-rapport. Imbaghad f'kaz li l-akkuza ma tigix ippruvata, jittiehdu proceduri ghar-rapport falz kontra l-persuna li tkun ressqet tali rapport. Fil-kaz odjern, saret inkjesta interna minn ufficjali tal-*Internal Affairs* tal-Korp, ghalkemm ma jirrizultax mill-atti esebiti sallum x'irrizulta u xi provi ingabru. B'dana kollu l-membri tal-korp ma tressqux quddiem Qorti kompetenti sabiex l-akkuzi kontrihom jigu determinati skont il-Ligi.

Ovvjament r-rikorrent ser jkollu kull opportunita' li jiddefendi ruhu kontra l-akkuza ta' rapport falz billi jressaq il-provi tieghu in difiza. Izda b'dan ikun qed jiddefendi ruhu biss kontra tali akkuzi, minghajr ma jottjeni r-rimedju u soddisfazzjon li ghandu dritt li jitlob mill-Qrati taghna. Il-fatt li hemm proceduri inkorsi quddiem il-Qorti tal-Magistrati bhala Qorti Istruttorja mhuwiex ta' intralc sabiex ir-rikors odjern jinstema'.

Il-kwistjoni li ghandha tigi ezaminata bit-tieni eccezzjoni sollevata hija jekk ir-rikorrent kellu toroq ohra legali ghad-disposizzjoni tieghu biex ifittex rimedji xierqa, effettivi u adegwati qabel ma ressaq it-talbiet tieghu quddiem din il-Qorti.

Skont il-Kummissarju tal-Pulizija, ir-rikorrent kellu ghad-disposizzjoni tieghu, diversi rimedji ordinarji li, izda ghazel li jinjorahom. Dawn huma s-segwenti:

a) Fir-rigward tal-allegazzjonijiet fil-konfront tat-tlett membri tal-Korp tal-Pulizija imsemmija fir-rikors promotur, ir-rikorrent kellu ghad-

disposizzjoni tieghu l-procedura ta' kwerela jew *challenge proceedings ai termini* tal-**artikolu 541 tal-Kap. 9**.

b) Fir-rigward tal-ilment dwar l-arrest illegali r-rimedju ta' *habeas corpus* previst mill-artikolu **137 u 409A tal-Kap 9** kien ukoll disponibbli ghar-rikorrent.

Skont **l-artikolu 541 tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta** "*Jekk, fil-każijiet li fihom it-tmexxija tal-azzjoni kriminali tmiss lill-Pulizija Eżekuttiva, din ma tkunx trid taġixxi wara d-denunzja, ir-rapport jew il-kwerela ta' delitt, il-persuna li tkun għamlet id-denunzja, ir-rapport jew il-kwerela tista' titlob, b'rikors, lill-Qorti tal-Maġistrati li jiġi ordnat lill-Pulizija li tmexxi l-proċeduri meħtieġa; u jekk il-qorti, wara li, meta jinħtieġ, tisma' l-provi li jġib ir-rikorrent, u l-Kummissarju tal-Pulizija, issib li prima facie hemm lok għad-denunzja, rapport jew kwerela,għandha tilqa' t-talba u tinnotifika, bil-mezz tar-reġistratur, lill-Kummissarju tal-Pulizja bl-ordni li tagħti għaldaqshekk".*

F'dan l-istadju din il-Qorti tosserva li l-artikolu 137 tal-Kap 9 ma joffrix rimedju *ut sic* lir-rikorrent ghaliex jimponi biss penali kontra l-Magistrat li jonqos li jagħti widen għal ilment leġittimu. Ghalhekk mhix ser tiehu aktar konsiderazzjoni ta' dan l-artikolu ccitat.

Riferibbilment ghall-*challenge proceedings,* ir-rikorrent irribatta li l-artikolu 541 ma jissoddisfax il-htiega tieghu li jikseb pronunzjament dwar ksur tad-drittijiet fondamentali tieghu. Jghid li azzjoni kostituzzjonali hija hafna aktar '*far reaching'* minn semplici procedura ta' sfida. *Inoltre* hu qed jitlob kumpens xieraq ghat-tbatija fizika u mentali li l-pulizija geghluh isofri minbarra dikjarazzjoni li d-drittijiet fondamentali tieghu gew lezi.

Jissottometti li "*l-ghazla li jsiru proceduri kostituzzjonali hi bbazata fuq ir-rizultat li r-rikorrent irid jikseb, liema rizultat ma jistax jinkiseb permezz ta' "procedura ta' sfida."*[11]

Il-procedura tal-isfida tista' twassal biss sabiex eventwalment jinbdew proceduri kriminali kontra t-tliet membri tal-*Mobile Squad.* Izda jissottometti li r-rikorrent qed jitlob aktar minn hekk u cioe`:-

i. Dikjarazzjoni li l-Kummissarju tal-Pulizija illeda jew jilledi d-drittijiet fondamentali tieghu imsemmija fir-rikors promotur.

ii. Ordni lill-intimat biex iwaqqaf u jirtira l-proceduri kriminali istitwiti kontra r-rikorrent.

iii. Tordna l-hlas ta' kumpens xieraq lir-rikorrent ghall-vjolazzjonijiet subiti.

**Ikkonsidrat** li fil-każ li għandna quddiemna, l-ilment tar-rikorrenti huwa wieħed ta' allegat ksur "kostituzzjonali", maħsub biex jikkumpensah finanzjarjament għall-ħsara li ġarrab u li hu jgħid li ma tistax titreġġa' lura.

Riferibbilment ghall-procedura ta' *habeas corpus* din il-Qorti tqis li din ma tindirizzax l-ilmenti tar-rikorrent li jitfa' l-ottika tal-Qorti fuq il-legalita' tal-arrest mill-bidu nett li sehh.

---

[11] Nota ta' sottomissjonijiet tar-rikorrent a fol.144

Din il-Qorti hija konfortata mill-apprezzament maghmula fuq l-idonjeta' ta' dawn ir-rimedji suggeriti f'decizjonijiet ohra li ttiehdu f'cirkostanzi simili.

Fil-kaz fl-ismijiet ***Joseph Briffa -v- Kummissarju tal-Pulizija***[12], il-Prim'Awla tal-Qorti Civili fis-Sede Kostituzzjonali taghha, ikkonsidrat, b'riferenza ghall-ilment hemm imressaq dwar lezjoni tal-artikoli 3, 5 (1) u (2) tal-Konvenzjoni Ewropea li l-procedura tal-isfida skont l-artikolu 541 tal-Kap 9 ma kenitx adegwata biex twassal lill-Qorti biex tiddeklina milli tezercita l-gurisdizzjoni taghha. Irriteniet hekk : "*Il-procedura bil-kwerela fil-kaz ta' reati fejn il-prosekuzzjoni titmexxa mill-parti offiza (e.g. art 221(1(4),141 u 373 tal-Kap. 9) jirrikjedu l-intervent f'xi mizura, kbira jew zghira tal-Pulizija Ezekuttiva."*

Illi l-osservazzjoni maghmula mill-Qorti fil-kaz ta' Briffa fis-sens li l-prosekuzzjoni tal-kaz fir-rimedju ordinarju titmexxa mill-Pulizija stess kienet riflessjoni ta' dak li gie ritenut fil-kaz ***Tonio Vella-v- Kummissarju tal-Pulizija et*** (QK - dec. fil-5 ta' April 1991. Il-Qorti fil-kaz ta' ***Vella*** irriteniet li: "kieku r-rikorrent f'dak il-kaz (li jikkoncerna allegazzjoni ta' ksur tal-artikoli 34(1) u (2) u 38(1) u (2) tal-Kostituzzjoni ta' Malta mill-intimat u minn ufficjal tal-Pulizija) kellu jippromwovi l-azzjonijiet kriminali kif issottometta l-intimat, dawn ta' bilfors kellhom jitmexxew mill-Pulizija stess. F'dak il-kaz il-pulizija kienet sahansitra ghamlet inkjesta dwar l-allegazzjonijiet ta' vjolenza subiti mir-rikorrent u sabithom ghal kollox infondati. Bhala konsegwenza l-Qorti rragunat li l-isfida bhala rimedju safa menomat u gie rez incert u dubjuz. Izda l-Qorti marret *oltre* u ikkonsidrat li f'dak il-kaz ir-rikorrent ma kienx qed jallega semplicement ksur tal-ligi kriminali jew civili izda li l-fatti u l-incidenti li graw mehudin flimkien, jikkostitwixxu ksur tad-drittijiet fondamentali tieghu. Il-Qorti

[12] Deciz fil-21 ta' Novembru 1994

ghalhekk kkonkludiet li "*Jekk jinstab li ghandu ragun certament ir-rimedju li tipprovdi l-ligi ordinarja ma jista' qatt ikun kkonsidrat bhala rimedju xieraq u adegwat.*"

Din il-Qorti tikkondividi dan il-hsieb. Ir-rimedju tal-kwerela wkoll hija limitata u ma toffrix rimedji kostituzzonali lir-rikorrent.

Ghalhekk fl-isfond tac-cirkostanzi kollha ta' dan il-kaz, din il-Qorti hi tal-fehma li m'ghandhiex tuza d-diskrezzjoni taghha biex tirrifjuta li tezercita' l-gurisdizzjoni kostituzzjonali taghha u b'hekk it-tieni eccezzjoni ossia stedina qed tigi respinta.

## III. KONKLUZJONI.

Illi ghalhekk ghal dawn il-motivi, din il-Qorti, **taqta' u tiddeciedi**, billi fil-waqt li tichad l-ewwel eccezzjoni preliminari tal-Intimat, **tichad** ukoll it-tieni eccezzjoni preliminari tal-intimat u qed tirrifjuta l-istedina tal-istess intimat biex ma tezercitax id-diskrezzjoni kostituzzjonali taghha.

**Ghaldaqstant tordna li l-kaz ikompli fuq il-mertu.**

L-ispejjez jigu determinati mad-decizjoni finali.

**Moqrija.**

## < Sentenza In Parte >

--------------------------------TMIEM--------------------------------